MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 765/1989/1

**L-Avukat Dottor Victor Borg Grech bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpannija Concrete Products Limited u b'nota tal-avukat Dottor Victor Borg Grech jiddikjara li hu ma baqax direttur u m'ghadux jirriprezenta lill-kumpannija attrici, u qed ukoll jirrinunzja ghall-patrocinju taghha u b'nota tal-21 ta' Marzu 1995, Dottor Thomas Abela assuma l-atti u patrocinju tad-ditta attrici**

**vs**

**Joseph Meli**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:

Illi l-konvenut kien impjegat tal-kumpannija attrici u bhala parti mid-doveri tieghu kellu jircievi flus dovuti lill-istess kumpannija attrici;

Illi f'Jannar 1988, il-kumpannija attrici sabet li kienu gew imhallsa lilha flus li ma gietx akkreditata bihom, u li l-konvenut ha ghalih;

Illi l-konvenut assuma responsabbilita' personali shiha ghall-flus li nstabu nieqsa ma' tul il-perijodu ta' l-impieg tieghu mal-kumpannija attrici, (Dokument "A");

Illi l-konvenut, fost affarijiet ohra, intrabat (a) li jaccetta l-findings ta' Naudi, Giorgio, Leone Ganado & Co., awdituri ndipendenti li gew nominati mill-kumpannija attrici biex jigi stabbilit l-ammont ta' flus nieqsa, (b) li jhallas l-ammont hekk stabbilit, (c) li jhallas imghax tat-tmienja fil-mija fis-sena (8%), u (d) li jhallas l-ispejjes kollha nkorsi mill-kumpannija attrici nkluz id-dritt tal-awdituri, (Dokumenti "B" u "C");
Illi l-awdituri fuq imsemmija sabu li l-ammont ta' flus hekk nieqsa seta' lahaq is-somma ta' dsatax il-elf u sitt liri, u sebgha u disghin centesimu (Lm19,006.97,0), pero' billi l-kumpannija attrici akkordat lill-konvenut il-beneficcju ta' dubju fuq certi partiti, l-istess kumpannija attrici nizzlet dan l-ammont ghal disghat elef mija u hamsa u hamsin lira, u sebgha u tletin centesimu (Lm9,153.37,0). (Dokumenti "D" u "E");

Illi t-*terms of reference* tal- awdituri kienu jkopru l-perijodu mill-1 ta' Ottubru 1987, sal-31 ta' Jannar 1988, u barra minn dan il-perijodu l-kumpannija attrici sabet tliet partiti ohra mputabbli lill-konvenut u li flimkien jammontaw ghal elf sebgha mija u sitta u sittin lira u erbgha u hamsin centesimu (Lm1766.54). (Dokument "F");

Illi l-ammont totali li tieghu ghandu jinstab responsabbli l-konvenut gie ilahhaq ghaxart elef disgha mija u wiehed u ghoxrin lira u wiehed u disghin centesimu (Lm10,921.91);

Illi l-parti tad-dritt tal-awduri mputabbli lill-konvenut tlahhaq is-somma ta' elf u hames mitt lira (Lm1500);

Illi bl-agir illegali u abusiv tal-konvenut, il-kumpannija attrici sofriet danni billi ma setghetx taghmel uzu mill-flus taghha li l-konvenut zamm ghalih, u billi skond ili-ligi dawn id-danni ghandhom jigu ekwiparati ghal imghax tat-tmienja fil-mija fis-sena (8%), sa kemm din il-Qorti ma ssibx li ghandu jkun hemm responsabbilita' akbar;

Illi l-konvenut baqa' ma hallasx xejn minn dak li pprometta u l-anqas biss ma wasal f'arrangament dwar l-ammonti minnu dovuti;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:-

tikkundannah ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' ghaxart elef disgha mija u wiehed u ghoxrin lira, u wiehed u disghin centesimu, (Lm10,921.91,0), ammont ta' flus mizmum ghandu;

tikkundannah ihallas is-somma ta' elf u hames mitt lira (Lm1500) bhala spejjes inkorsi mill-kumpannija attrici ghal drittijiet tal-awdituri ghall-verifika; u

tikkundannah ihallas imghax tat-tmienja fil-mija fis-sena fuq is-somma ta' Lm10,921.91 hawn fuq imsemmija, mill-1 ta' Frar 1988, sal jum tal-effettiv pagament, jew kull somma ohra li din il-Qorti jidhrilha xierqa, in linea ta' danni;

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-mandat ta' impediment ta' safar (numru 853/89), u tal-mandat ta' sekwestru (numru 854/89) tad-9 ta' Gunju 1989 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' eccezzjonijet tal-konvenut fejn gie eccepit :
Illi, preliminarjament, ic-citazzjoni odjerna hija nulla stante illi l-attur nomine mhuwiex il-persuna li ghandha r-rappresentanza guridika tas-socjeta' attrici;

Illi, preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-tielet talba attrici fic-citazzjoni odjerna hija insostenibbli stante illi l-attur nomine naqas illi jaghmel talba ut sic ghall-likwidazzjoni tad-danni allegati minnhu sofferti;

Illi certament mhuwiex veru illi l-konvenut ha ghalih is-somma ta' LM10,921.91 indikata mill-attur nomine fl-ewwel talba attrici u dana kif jigi ppruvat aktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi, inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghalkemm il-konvenut assuma responsabilita' personali ghall-flus li setghu nstabu nieqsa matul il-perijodu tal-impieg tieghu mal-kumpanija attrici, dan ma jfissirx illi l-konvenut ghandu jinzamm responsabbli ghal dawk l-ammonti ta' flus kollha li nstabu nieqsa fil-perijodu indikat minghajr ma dan in-nuqqas jista' jigi attribwit direttament ghal xi fatt imputabbli lill-istess konvenut. Il-konvenut jista' jkun responsabbli biss ghal dak illi huwa imputabbli lilu direttament u li, ghall-liema nuqqas huwa responsabbli direttament;

Illi r-rapport moghti mill-awditur imqabbad mis-socjeta' attrici sabiex jigi stabbilit l-ammont ta' flus nieqsa ma ghandhiex tkun ammessa bhala prova tat-talbiet attrici stante illi, fl-ewwel lok, dawn l-istess awdituri ma waslux ghal xi konkluzjoni definittva dwar ir-responsabilita' tal-konvenut, u, in oltre, l-istess kumpanija attrici naqset ukoll hija stess milli taqbel u takkorda ruhha ma' dan ir-rapport;

Illi, in oltre, il-konvenut ma ghandux jinzamm responsabbli ghall-hlas tas-somma ta' LM1500, indikata fit-tieni talba attrici, u dan ghar-ragunijiet fuq premessi kif ukoll stante illi l-istess awdituri gew imqabbad biss fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju biss tas-socjeta' attrici, 'il ghaliex dawn l-awdituri iktar qdew funzjoni ta' investigaturi ghall-kumpanija attrici mili dik ta' awdituri imparzjali;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut fejn gie premess :-

Illi huwa jinsab kreditur tal-kumpanija attrici fis-sommma kumplessiva ta’ elf, hames mija u disgha u ghoxrin liri Maltin u erbgha u sittin centezimu (LM1,529.64), rapprezentanti kwantu ghal elf, tlett mija w ghoxrin lira Maltin (LM1,320) bhala bilanc ta’ salarji dovuti mill-kumpanija attrici lill-konvenut fil-perijodu bejn is-17 ta’ Jannar 1988 u t-28 ta’ Novembru 1988; kwantu ghal mija u tmien liri Maltin (LM108) bhala ammont dovut mill-kumpanija attrici lill-konvenut ghal disat (9) ijiem ‘leave’ u kwantu ghal mija u lira Maltin u erbgha u sittin centezimu (LM101.64) dovuti mill-kumpanija attrici lill-istess konvenut bhala sehemhom ghal kontibuzzjonijiet tas-Sigurta’ Nazzjonali;

Illi nonostante interpellat diversi drabi sabiex ihallas dawn l-ammonti, l-attur nomine baqa’ inadempjenti;

Ghalhekk il-konvenut talab li s-socjeta attrici tghid ghaliex m’ghandhiex dina l-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

tikkundanna lill-attur nomine ihallas lill-konvenut is-somma kumplessiva ta’ elf, hames mija u disgha u ghoxrin liri Maltin u erbgha u sittin centezimu (LM1,529.64), rapprezentanti, kwantu ghal elf, tlett mija w ghoxrin lira Maltin (LM1,320) bhala bilanc ta’ salarji dovuti mill-kumpanija attrici lill-konvenut fil-perijodu bejn is-17 ta’ Jannar 1988 u t-28 ta’ Novembru 1988; kwantu ghal mija u tmien liri Maltin (LM108) bhala ammont dovut mill-kumpanija attrici lill-konvenut ghal disat (9) ijiem ‘leave’ u kwantu ghal mija u lira Maltin u erbgha u sittin centezimu (LM101.64) dovuti mill-kumpanija attrici lill-istess konvenut bhala sehemhom ghal kontribuzzjonijiet tas-Sigurta’ Nazzjonali;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mit-28 ta’ Novembru 1988 kontra l-attur nomine li gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tas-socjeta attrici ghal kontro-talba tal-konvenut fejn gie eccepit :-

Illi din l-Onorabbli Qorti hija nkompetenti tiehu konjizzjoni tal-kontro-talba ghaliex din tirrigwarda *dismissal* minn impieg u ghalhekk hija ta’ kompetenza tat-Tribunal Industrijali;

Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni ta’ nkompetenza moghtija hawn fuq, il-kontro-talba tal-konvenut hija nulla ghaliex m’hix preceduta minn talba ghal dikjarazzjoni li fil-perijodu li tieghu qieghed jitlob hlas, il-konvenut kien impjegat tal-Kumpannija attrici;

Illi salv u mpregjudikat il-premess, il-kontrotalba hija minghajr bazi fil-fatt u fid-dritt ghaliex il-konvenut qieghed jitlob hlas ghall-perijodu meta gja kien imkecci mill-impieg;

Illi dejjem salv u mpregjudikat il-premess, id-domanda ghall-hlas ta’ kull ammont li eventwalment jista’ jigi kanonizzat favur il-konvenut, ma tistax tigi milqugha ghaliex l-attur nomine ghandu d-dritt li jpaci l-istess ammont ma’ parti minn dak li jigi kanonizzat favur tieghu;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici, dwar il-kontro-talba tal-konvenut, debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tal-11 ta' Jannar 1990 li bih gie nominat bhala perit legali Dottor Gotthard Gauci bil-fakoltajiet soliti;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tas-16 ta' Ottubru 1990 li bih il-perit legali nominat gie esonerat u gie nominat minnflok Dr. Mark Chetcuti bl-istess fakoltajiet;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-perit legali;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tad-29 ta' Novembru 1994 li bih gie sospiz l-inkarigu tal-perit legali;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Gunju 2004;

Ikkonsidrat :

Din il-kawza ghamlet zmien twil tigi differita ghac-cessjoni, peress li l-partijiet kienu involuti fi trattattivi li setghu wasslu fi transazzjoni. It-transazzjoni pero' ma sehhitx. Fl-ahhar stadji tal-kawza gie presentat abbozz ta' ftehim, liema abbozz pero' mhux iffirmat mill-partijiet. Il-partijiet ma talbux li tinghata sentenza a bazi ta' dan l-abbozz u b'hekk il-Qorti trid bilfors toqod fuq il-provi li gew prodotti;

Is-socjeta attrici fic-citazzjoni tippretendi, li hi kreditrici tal-konvenut, li kien impjegat taghha, fl-ammont komplessiv ta' ghaxart elef disgha mija u wiehed u ghoxrin liri maltin u wiehed u disghin centesmu (Lm10,921.91) rappresentanti ammont ta' flus tas-socjeta attrici, li, pero', l-konvenut zamm ghalih indebitament. Is-socjeta attrici tippretendi ukoll li l-konvenut ghandu jhallas is-somma ta' elf u hames mitt lira (Lm1500) cioe parti mid-dritt tal-awdituri, li gew inkarigati sabiex jistabilixxu s-somma in kwestjoni, imputabbli lill konvenut. Is-socjeta attrici tippretendi li l-konvenut ghandu ihallas l-imghaxxijiet tat-tmienja fil-mija (8%) bhala danni u dana fuq l-imsemmija somma ta' Lm10,921.91 mill-1 ta’ Frar 1988 sal jum tal-effettiv pagament;

Mill-provi prodotti, inkluz ix-xhieda li gew prodotti mis-socjeta attrici u li ddeponew quddiem il-perit legali, dawn il-pretensjonijiet tas-socjeta attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati inkluz it-talba ghad-danni. Konsegwentement it-talbiet kollha attrici ghandhom jigu akkolti;

Il-konvenut issottometta diversi eccezzjonijiet u l-ebda wahda minn dawn l-eccezzjonijiet ma ghandha tigi

akkolta. Dana qed jinghad peress li dawn l-eccezzjonijiet, b'mod partikolari dawk fil-meritu, ma gewx ippruvati u dana anke in vista tal-fatt li l-konvenut naqas li jipprduci provi. Ghall-istess ragunijiet it-talbiet tal-konvenut, kif dedotti fil-kontro-talba tieghu, ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi kollha :
Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut kif ukoll tichad it-talbiet kollha tal-konvenut kif dedotti fil-kontro-talba tieghu u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet kollha attrici u tikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma komplessiva ta' ghaxart elef disgha mija u wiehed u ghoxrin liri maltin u wiehed u disghin centesmu (Lm10,921.91) rappresentanti ammont ta' flus tas-socjeta attrici, li, pero', l-konvenut zamm ghandu indebitament; tikkundanna l-konvenut jhallas is-somma ta' elf u hames mitt lira (Lm1500) bhala spejjes inkorsi mis-socjeta attrici ghal drittijiet tal-awdituri ghall-verifika u tikkundanna l-konvenut ihallas imghax tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imsemmija somma ta’ Lm10,921.91 u dana mill-1 ta’ Frar 1988, sal jum tal-effettiv pagament u dana in linea ta’ danni;

Spejjes kollha kontra l-konvenut.

Imhallef

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------